MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 763/2001/1

**Avviz numru   763/2001DM**

**Malta Information Technology and Training Services Limited**

**Vs**

**Robert Fenech u b'digriet tas-26 ta' April 2002 l-avvukat Dr Jose Herrera gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza minflokk il-konvenut li jinsab imsiefer**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm2,400 liema somma tirrapresenta spejjez ta' "course" imhallas ghan-nom tieghu mis-socjeta attrici, liema spejjez hu obbliga ruhu li jirrimborsa jekk jirrizenja prematurament mill-impieg tieghu mas-socjeta attrici, kif jirrizulta mill-kuntratt

minnhu iffirmat u anness mal-avviz bhala Dok "A" u mill-korrispondenza li tirrifletti r-rizenja prematura tieghu annessa mal-avviz bhala Dok "B1-B6".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwestru tal-24 ta Lulju 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Robert Fenech fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent gie kostrett jaghti r-rizenja tieghu mill-agir u atteggjament tas-socjeta attrici. In effetti meta huwa ffirma l-kuntratt ta' impjieg tieghu kien hemm ftehim verbali illi meta huwa jigi accettat fil-'course' imsemmi isir arrangament fejn huwa jinghata 'unpaid leave', ftehim li s-socjeta attrici naqset li tonora.
2 Bla pregudizzju l-ammont talvolta dovut huwa ferm inqas kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti minnhu esibiti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi t-talba attrici hija ibbazata fuq il-provvedimenti u kundizzjonijiet tal-ftehim iffirmat bejn l-atturi w il-konvenut fl-ahhar tas-sena 2000. Dan il-ftehim kien jirrigwarda zewg (2) korsijiet indikati fil-kuntratt, ossia l-kors ICMD u l-kors BSCN, liema korsijiet il-konvenut kien intrabat li jattendi u jghamel l-ezamijiet relattivi.

Kien gie wkoll iddikjarat illi l-ispejjez in konnessjoni ma dawn il-korsijiet li kellu jattendi l-konvenut kienu ta'

madwar Lm2400 (elfejn u erba’ mitt lira Maltin) illi kienu ser jithallsu direttament mill-kumpanija attrici a beneficcju tal-konvenut.

Kif spjegat mix-xhud Reuben Portanier fis-seduta tal-4 ta’ Dicembru tas-sena 2002, dawn il-korsijiet kienu intizi biex iwasslu ghal certifikati ta’ CCNA u CCMP, imsemmijin ukoll fil-ftehim dokument A (a fol 2 tal-process).

Inoltre gie stipulat illi l-konvenut, in kontrokambju ghal dan il-beneficcju lilhu akkordat mill-atturi kellhu jibqa fl-impieg tal-kumpanija attrici ghal zmien sena li kellha tibda tiddekorri ***“on completion of the CCNA certification and part 1 of the CCNP certification…from the final results of the two above mentioned courses”.*** Dan ghandhu jiftiehem illi il-konvenut kien marbut li jghati s-sena servizz b’effett minn dik id-data li fiha huwa jkun ghamel b’success l-ezamijiet indikati fil-ftehim li ghalihom ikunu wassluh il-korsijiet.

F’kaz li l-konvenut kellhu jikser xi obbligu tieghu gew miftehma id-diversi modi ta kompensazjoni li kellhu jaghmel il-konvenut skond il-mod u z-zmien li fih huwa ma jkunx ezegwixxa fedelment l-obbligi tieghu.

Dawn il-klawsoli ghandhom jifthemu kif gej:-

1) *Ghalkemm ghadu fl-impieg* tal-atturi il-konvenut kellhu jirrifondi l-ispejjes kollha f’kaz li, ma jkunx spicca il-korsijiet jew wehel mill-ezamijiet u dan minghajr raguni valida (klawsola 1);
2) *Ghalkemm ghadu fl-impieg,* jekk ikun attenda u segwa il-korsijiet izda biss wehel fl-ezamijiet kellhu jirrifondi nofs l-ispejjes ossia LM1200; (klawsola 2);
3) *Jekk jitlaq mill-impieg* qabel ma jkun ghamel l-ezamijiet b’success kellhu jirrifondi l-ispejjes kollha (klawsola 3);
4) *Jekk jitlaq l-impieg* wara li jkun ghamel b’success l-ezamijiet li jwasslu ghac-certifikati ta CCNA u CCNP (part 1) u ghalhekk waqt is-sena servizz obbligatorja, kellhu jirrifondi parti mis-somma ta LM2400 pro rata skond dak iz-zmien mis-sena obbligatorja li fih ikun lahaq ippresta is-servizz tieghu. (klawsola 4).

Mill-provi prodotti, kompriz l-affidavit tal-konvenut, jirrizulta indubbjament illi l-konvenut fil-fatt attenda biss ghat-“training courses” izda ma ssottemettiex ruhhu ghall-ezamijiet relativi. Inoltre jirrizulta ukoll illi l-konvenut minhabba impenji personali ta studju ulterjuri mhux biss ma giex iccertifikat ghall CCNA u CCNP izda telaq mill-impieg tieghu fil-31 ta Lulju 2001 skond id-dokumenti B1 u B2.

Ghalhekk hija applikabbli l-klawsola 3 li tobbliga l-konvenut li jhallas lura l-ispejjes kollha lill-atturi jekk jitlaq mill-impieg qabel ma jkun ghamel l-ezamijiet b’success.

Izda l-konvenut qed jirresisti t-talba attrici ghaliex fl-ewwel lok isosstni li kien gustifikat li jitlaq mill-impieg peress li kellhu xi ftehim ulterjuri sottointiz mal-atturi, permess ta liema kellhu jinghata sentejn ‘unpaid leave’ bejn il-korsijiet u l-ezamijiet biex ikun jista jiehu stharrig uilterjuri a bazi ta borsa ta studju.

Ghalkemm il-Qorti tapprezza li bl-istharrig ulterjuri u a spejjes tieghu il-konvenut kien ser ikun iktar ikkwalifikat biex jghati servizz ahjar lill-kumpanija attrici, jibqa dejjem rilevanti dak li effettivament riedet il-kumpanija attrici minn ghand il-konvenut u jidher li l-atturi kienu iktar interessati li jiehdu s-servizz tal-konvenut iktar kmieni u bil-kwalifiki limitati li riedu jipprovdulhu huma.

Ghalhekk jispetta lill-konvenut li jipprova il-ftehim ulterjuri li huwa jallega.

Izda anke mill-affidavit stess tal-konvenut jidher li jekk kien sar xi diskors dwar xi studju ulterjuri dan kien sar qabel il-ftehim definitiv bil-miktub u ghalhekk il-kuntratt ghandhu jkun tenut li jirrispekkja l-intenzjonijiet ezatti tal-partijiet. Inoltre l-konvenut kien semma originarjament sena ‘umpaid leave’ meta fil-fatt telaq mill-impieg ghaliex l-atturi ma riedux jikkoncedu sentejn u ghalhekk b’ebda mod ma jistghu il-hsieb, kongetturi u progetti tal-konvenut, principalment intizi ghall-avvanz u beneficcju tieghu,

iwasslu ghal xi ftehim iehor mal-atturi li jista ***jimplika xi modifika ta ftehim miktub sussegwentement.***

Ghalhekk huma applikabbli l-kundizzjonijiet kif stipulati fil-kuntratt esibit.

Fil-meritu il-konvenut isosstni li l-kliem “completion of the two indicated courses” ma jinkludix l-akkwist tac-certifikati CCNA u CCNP u ghalhekk ghandha tkun applikabbli l-ahhar klawsola tal-ftehim dwar ir-rimbors pro rata. Infatti esibixxa certifikati imsejhin “Certificate of Completion” li jaccertaw li l-konvenut attenda l-istess korsijiet.
Pero, apparti mill-fatt li l-imsemmija certifikati ma gewx rilaxxjati mill-atturi u d-dicitura fuqhom ma gietx suggerita minnhom, minn ezami tal-kuntratt shih jidher illi huwa intiz bejn il-partijiet li l-korsijiet kienu intizi biss biex iwasslu ghac-certifikati CCNA u CCNP u li korsijiet kellhom jigu meqjusa bhala ‘completed’ meta l-konvenut jakkwista ic-certifikati CCNA u CCNP.

Infatti is-sena servizz obligatorja kellha tibda “on completion of the CCNA certification and part 1 of the CCNP certification”, u fejn jirrigwarda il-kaz ta “fail to complete the two above-indiacted courses” giet ikkontemplata il-possibilita’ ta koncessjoni lill-konvenut li setgha “resit at my own expense any of the examinations that follow these two courses should I fail to pass same during my first attempt”. Ghalhekk “completion’ ghandha titqies li tinkludi ukoll l-akkwist tac-certifikati CCNA u CCNP li huwa l-istadju sussegwenti ghat-terminazzjoni tal-korsijiet.

Ghalhekk hija definitivament applikabbli it-tliet kundizzjoni li tipprospetta il-kaz ta abbandun tal-impieg qabel il-“completion” u qabel ma ghadha ma bdiet topera is-sena servizz obbligatorju.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta elfejn u erba mitt lira (LM2400) bl-imghax legali b’effett mid-29 ta Awissu 2001.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------